# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.11

**Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin!**

**Lezzjoni 4.11: Meta nitbissem nuri li jien ferħan bik.**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal**

1. Jifhmu li t-tbissima tgħin biex tikber il-ħbiberija.

2. Jitgħallmu li meta nitbissmu
    - inġib ferħ fost sħabi.
    - nuri li jien ferħan bik.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Starboard presentation.

- Kanzunetta (If you're happy and you know it!)

- Youtube clip (Barney:Smile song)



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-istorja billi tgħid l-istorja ta' Omar, tifel li ġej minn pajjiż barrani u ma jafx jitkellem bil-Malti. Dan jibda jmur l-iskola mat-tfal Maltin. Jixtieq jagħmel ħbieb imma ma jafx kif ser jgħidilhom. Hemm xi tfal jixtiequ jagħmlu ħbieb miegħu u hemm oħrajn ma jridux. Ħarsu lejn l-istampi tat-tfal. Liema mit-tfal qed juru lil Omar li jixtiequ jkunu ħbieb miegħu.
- Staqsi: Minn fejn indunajtu li dawn it-tfal iridu jkunu ħbieb ma' Omar? (mit-tbissima).
- Spjega li minn wiċċna aħna nistgħu nuru jekk aħniex ferħanin b'xi ħadd jew jekk le.



## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Staqsi: Kif ser jagħmel Omar biex juri lit-tfal li jixtieq ikun ħabib mat-tfal tal-klassi? L-għalliema turi fuq l-iStarboard forma ta' wiċċ vojt mingħajr fattizzi.Il-fattizzi qegħdin mxerrdin madwar il-forma ovali tal-wiċċ. Hemm diversi suriet ta' fattizzi eż. ħalq ferħan, ħalq imdejjaq, għajnejn irrabjati eċċ.
- Ħajjar lit-tfal biex flimkien mal-għalliema jippruvaw dawn il-fattizzi differenti biex jibnu u uċuħ differenti sakemm jsibu l-aktar wiċċ li jidher ferħan u sabiħ. (Wiċċ jitbissem).Tista' tibdel il-kulur tal-wiċċ bil-pen, biex turi li għalkemm il-kulur tal-wiċċ jinbidel xorta waħda jidher ferħan.



- Kompli: Mela issa ser turini kemm għandkom tbissima sabiħa! Ejja nkantaw flimkien. *If you're happy and you know it.* Tista' tuża l-Youtube clip.

Jekk qed tifraħ
U trid turi
Mela tbissem (2)

Jekk qed tifraħ
U trid turi
li inti rari tkun bil-buri

Jekk qed tifraħ
U trid turi
Mela tbissem. (Singing ay-ay yooppy yooppy ay)

"Ejja ħa naraw wiċċ Ġesù meta jarana ħbieb flimkien! "

- Uri stampa ta' wiċċ Ġesù ferħan fuq l-iStarboard presentation.
- Fl-aħħar it-tfal jistgħu jerġgħu jkantaw din is-song.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1.It-tbissima ġġib ferħ kulfejn inkun

2. Biex nuru li aħna ferħanin b'xi ħadd, tbissimlu.

3. Il-buri jdejjqu lil kulħadd.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




Niċċelebraw: Ejja nferrħu lil kulħadd

billi nitbissmu aktar.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



Fuq youtube nisimgħu

l-kanzunetta **Barney: Smile Song**

http://www.youtube.com/watch?NR=1&v=fOtKQjrwkEI&feature=endscreen

**Nitolbu**



Kemm tħobbna Mulej għax tajtna tbissima biex inkunu ferħanin u nagħmlu lill-oħrajn ferħanin.